# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**L-ewwel (1) ta' April 2025**

**Rikors Numru 1400/2023 FDP**

Fl-ismijiet

**Joseph Grech (KI 478060M), Mark Grech (KI 339563M), Antoine Grech (KI 263469M), Malcolm Grech (KI 361674M) u Emanuel Grech & Company Limited (C7200)**

**vs**

**Dr Adriano Spiteri u PL Quentin Tanti, bħala Kuraturi Deputati nominati permezz tad-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tal- 31 ta' Jannar 2024 sabiex jirrappreżentaw l-interessi tas-sidien mhux magħrufa ta' sest (1/6) indiviż u cioe s-suċċessuri fit-titolu ta' Antonio Vassallo, u li ma jistgħux jinstabu.**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 4 ta' Diċembru 2023, li permezz tiegħu r-rikorrenti talbu s-segwenti:

> *1. Illi l-esponenti flimkien ma' l-intimati huma propjetarji tal-fond uffiċjalment enumerat tmienja u ħamsin (58), fi Triq San Franġisk, tas-Sliema, mibni fuq tlett (3) sulari, inkluża l-arja relattiva tiegħu, is-sottoswol taħt l-entratura u t-taraġ li jwassal mill-livell terran għall-Ewwel Sular, sovrastanti il-fond bin-numru disgħa u ħamsin (59), u jinkludi id-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu, liberu u frank, hekk kif indikat fl-anness konvenju datat il-wieħed u għoxrin (21) ta' April tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), hekk kif estiż permezz ta' ftehim ieħor datat l-għoxrin (20) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) (Dok EC 1 u Dok EC 2).*
>
> *2. Illi l-esponenti flimkien ma' l-intimati huma wkoll propjetarji tal-fond ossia t-terran uffiċjalment enumerat disgħa u ħamsin (59), fi triq San Franġisk, tas-Sliema, bil-bitħa fuq wara, inkluża l-arja relattiva tagħha, is-sottoswol*

*tiegħu, sottostanti l-fond bin-numru tmienja u ħamsin (58), u jinkludi d-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu, liberu u frank, hekk kif indikat fl-anness konvenju datat il-wieħed u għoxrin (21) ta' April tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), hekk kif estiż permezz ta' ftehim ieħor datat l-għoxrin (20) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) (Dok EC 3 u Dok EC 4).*

*3. Illi b'kollox l-esponenti huma proprjetarji ta' ħames sesti (5/6) indiviżi ta' l-imsemmija fondi, filwaqt illi l-intimati huma propjetarji ta' sest (1/6) indiviż ta' l-istess fond, bl-esponenti fil-kwoti ta' ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) ta' l-imsemmija ħames sesti (5/6) indiviżi bejniethom l-esponenti Joseph Grech, Mark Grech, Antoine Grech u Malcolm Grech, u r-rimanenti ħamsa u sebgħin fil-mija (75%) ta' l-imsemmija ħames sesti (5/6) indiviżi, is-soċjeta' esponenti Emanuel Grech & Company Limited. (Prospett anness u mmarkat Dok EC 5).*

*4. Illi oriġinarjament permezz ta' diviżjoni in atti n-Nutar Giuseppe Gatt tat-tnax (12) ta' Awissu tas-sena elf disa' mija u ħamsa u tletin (1935), Paola Vassallo nee' Debono, armla ta' Domenico Vassallo ġiet assenjata l-utile dominju perpetwu relattiv tal-fond bin-numru tlettax (13) fi Strada San Francesco, ġewwa tas-Sliema, soġġett għar-rata ta' ċens annwu u perpetwu ta' ħdax-il xelin u tlett soldi (£0.11s.3d). (Anness Dok EC 6).*

*5. Illi permezz ta' att ippubblikat mill-istess Nutar Giuseppe Gatt nhar it-tmienja (8) ta' Ġunju tas-sena elf disa' mija u sitta u tletin (1936) l-imsemmija Paola Vassallo akkwistat id-dirett dominju perpetwu u ċ-ċens annwu u perpwetwu relattiv ta' ħdax-il xelin u tlett soldi (£0.11s.3d) tal-fond bin-numru tlettax (13) fi Strada San Francesco, ġewwa tas-Sliema, illum enumerat tmienja u ħamsin (58) u disgħa u ħamsin (59) relattivament.*

*6. Illi l-imsemmija Paola Vassallo mietet nhar id-disgħa u għoxrin (29) ta' Lulju tas-sena elf disa' mija u disgħa u erbgħin (1949), u permezz ta' l-aħħar testment tagħha in atti n-Nutar Joseph Gatt, datat it-tmienja (8) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija u ħamsa u erbgħin (1945) fis-sebgħa u nofs ta' filgħaxija (07:30pm) hija ħalliet il-leġittima lil binha Antonio Vassallo u nnominat lill-bintha Nicolina Vassallo bħala eredi universali. (Dok EC 8 sa Dok EC10).*

*7. Illi permezz ta' l-Att tan-Nutar Victor Bisazza tal-erbgħa (4) ta' Lulju tas-sena elf disa' mija u wieħed u sittin (1961), l-imsemmija Nicolina Vassallo (xebba), f'isimha personali u bħala mandatarja ta' ħuha Antonio Vassallo, ikkonċediet lil John Schembri b'titolu ta' enfitewżi temporanja għal żmien sbatax (17)–il sena, il-fond bin-numru tmienja u ħamsin (58) fi Triq San Franġisk, tas-Sliema, liema konċessjoni kienet sussegwentement ġiet rexxiża permezz ta' l-Att tal-istess Nutar datat is-sebgħa (7) ta' Novembru tas-sena elf disa' mija u tnejn u sittin (1962).*

*8. Illi permezz ta' l-att tan-Nutar Anthony Gatt tat-tlettax (13) ta' Ottubru elf disa' mija u tmenin (1980), l-imsemmija Nicolina Vassallo u Antonio Vassallo ikkonċedew lil Carmela Caruana, b'titolu ta' enfitewżi temporanja*

*għal żmien wieħed u għoxrin (21) sena il-fond disgħa u ħamsin (59) fi triq San Franġisk, tas-Sliema.*

*9. Illi l-imsemmi Antonio Vassallo miet nhar l-erbatax (14) ta' April tas-sena elf disa' mija u sitta u tmenin (1986) ġewwa l-Istati Uniti, iżda ma jirriżultax illi ippublika xi testmenti pubbliċi ġewwa Malta (Dok EC 11).*

*10. Illi l-imsemmija Nicolina Vassallo mietet nhar it-tnejn (2) ta' Jannar tas-sena elf disa' mija u tnejn u disgħin (1992), u l-wirt tagħha huwa regolat permezz tat-testment tagħha, fl-atti tan-Nutar Anthony Gatt tad-disgħa u għoxrin (29) ta' Mejju tas-sena elf disa' mija u sitta u tmenin, (1986) fejn hija nnominat bħala eredi lill-kuġini tagħha Helen, Vincent, Carmelo, Paolino, Emanuel, Giovanni u Maria (mart Joseph Cuschieri), aħwa Grech, ulied il-mejtin Antonio Grech u Anna nee' Debono, ottava (1/8) indiviża kull wieħed bid-dritt tas-sostituzzjoni favur id-dixxendenti tagħhom, u lil Frances mart Saviour Zammit u Marlene (mart Mario Gerada), ottava (1/8) indiviża bejniethom, bid-dritt tas-sostituzzjoni favur id-dixxendenti tagħhom, u f'każ li l-imsemmija Helen Grech tiġi nieqsa qabel, it-testatriċi, sehma jaqa' fuq l-imsemmija eredi l-oħra. (Dok EC12 sa dok EC 15).*

*11. Illi permezz ta' l-att ta' diviżjoni datat il-ħmistax (15) ta' Mejju tas-sena elf disa' mija u ħamsa u disgħin (1995), ippublikat minn Nutar Anthony Abela, il-fond bin-numru tmienja u ħamsin (58) fi triq San Franġisk, tas-Sliema, u d-dirett dominju temporanju u ċ-ċens relattiv ta' tnejn u tletin lira Maltija (Lm32.00) fis-sena, u l-propjeta intiera sussegwenti ġew assenjati lill-Maria Lourdes Cuschieri, Francesca Zammit, Marlene Gerada, Vincent Grech u Emanuel Grech. (Dok EC 16).*

*12. Illi fid-denunzja tal-mejta Nicolina Vassallo, ġie dikjarat illi hija kellha ħames minn sitta (5/6) indiviżi tal-imsemmija żewġ (2) fondi.*

*13. Illi l-imsemmi Vincent Grech miet nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' Awwissu tas-sena elfejn u erbgħa (2004), u l-eredita' tiegħu hija regolata bl-aħħar testment tiegħu ippubblikat nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlieta (2003) minn Nutar Daniela Mifsud Buhagiar, fejn ħalla l-użufrutt lill-martu Helen Grech, u nnomina bħala eredi lit-tlett (3) uliedu David, Lorraine u Mary Anne aħwa Grech, f'ishma ndaqs kull wieħed. Illi l-Att Causa Mortis tal-mejjet Vincent Grech, ġiet ippublikata nhar it-tnax (12) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbgħa (2004) minn Nutar Daniela Mifsud Buhagiar, hekk kif korretta permezz ta' att ippublikat minn Nutar John Gambin nhar l-għoxrin (20) ta' Mejju tas-sena elfejn u għaxra (2010).*

*14. Illi permezz ta' l-Att tan-Nutar John Gambin tal-għoxrin ta' Mejju tas-sena elfejn u għaxra (2010), Maria Lourdes Cuschieri, Francesca Zammit, Marlene Gerada, David Felix Grech, Lorraine Grech, Mary Anne Grech u Helen Grech, biegħu lis-soċjeta' esponenti Emanuel Grech & Company Limited tlett kwarti (3/4) indiviżi, jew kwalsiasi sehem ieħor verjuri, tal-fondi tmienja u ħamsin (58) u disgħa u ħamsin (59) fi triq San Franġisk, ġewwa tas-Sliema. (Dok EC 17).*

*15. Illi permezz ta' l-Att tan-Nutar John Gambin tal-ħdax (11) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbatax (2014), Emanuel Grech iddona il-kwart (1/4) indiviż lilu appartenenti mill-imsemmija fondi lill-uliedu esponenti, Joseph, Mark, Antoine u Malcolm, aħwa Grech. (Dok EC 18).*

*16. Illi l-imsemmija żewġ atti ġew korretti b'żewġ (2) atti tan-Nutar Daniela Aquilina tat-tnejn (2) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), peress li l-fondi kienu ġew invertiti fl-imsemmija atti. (Dok EC 19 u Dok EC 20).*

*17. Illi għalhekk, jirriżulta, illi peress li l-imsemmi Antonio Vassallo kien irċieva il-leġittima, permezz tat-testment ta' l-mejta ommu Paola Vassallo li mietet nhar id-disgħa u għoxrin (29) ta' Lulju tas-sena elf disa' mija u disgħa u erbgħin (1949), u dan permezz ta' l-aħħar testment tagħha in atti n-Nutar Joseph Gatt, datat it-tmienja (8) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija u ħamsa u erbgħin (1945) fis-sebgħa u nofs ta' filgħaxija (07:30pm), allura huwa kellu is-sehem ta' sest (1/6) indiviż fuq l-imsemmija żewġ fondi, illum appartenenti lis-suċċessuri tiegħu illi mhumiex magħrufa, fil-waqt li r-rimanenti ħamsa minn sitta (5/6) indiviżi jappartjenu lill-esponenti, skont il-provenjenza suindikata.*

*18. Illi għalhekk il-propjeta' imsemmija ilha miżmuma in komun għal iżjed minn tlett (3) snin u inoltre ma hemm ebda azzjoni quddiem tribunal jew qorti oħra għall-qsim ta' l-istess propjeta'.*

*19. Illi permezz ta' żewġ (2) konvenji datati il-wieħed u għoxrin (21) ta' April tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), hekk kif estiżi permezz ta' żewġ (2) ftehimi oħra datati l-għoxrin (20) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) (Dok EC 1 sa Dok EC 4 annessi), l-esponenti qablu illi il-fond bin-numru tmienja u ħamsin (58) fi triq San Franġisk, tas-Sliema, għandu jinbiegħ lill-terzi, u qablu wkoll dwar il-modalitajiet u l-prezz fis-somma ta' tlett mija u għaxart elef Ewro (€310,000), fil-waqt illi il-fond bin-numru disgħa u ħamsin (59) fi triq San Franġisk, tas-Sliema, għandu wkoll jinbiegħ lill-terzi, u qablu wkoll dwar il-modalitajiet u l-prezz fis-somma ta' mitejn u ħamsa u tmenin elf ewro (€285,000). (Dikjarazzjoni annessa u mmarkata Dok EC 21).*

*20. Illi kif ġia ingħad, il-konvenuti suċċessuri fit-titolu ta' Antonio Vassallo u dan għas-sehem ta' sest (1/6) indiviż, ma jistgħux jinstabu, u għalhekk ma tawx il-kunsens tagħhom sabiex dan il-fond ikun jista' jinbigħ lill-terzi skont il-pattijiet u l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-konvenji datati il-wieħed u għoxrin (21) ta' April tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), hekk kif estiżi permezz ta' żewġ (2) ftehimi oħra datati l-għoxrin (20) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023).*

*21. Illi ħadd mill-kompropjetarji inkluż il-konvenuti ma huma ser ikunu gravament ippreġudikati bil-bejgħ tal-propjeta' inkwistjoni.*

*22. Illi dawn il-fatti, jafuhom personalment;*

*23. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

*Għaldaqstant u għar-raġunijiet kollha premessi, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u illi jingħataw il-provvedimenti opportuni, jgħidu il-konvenuti għaliex m'għandhiex dina l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet ta' l-esponenti illi qegħdin hawn jitolbu illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha;*

1. *Tapprova, tawtorizza u tordna il-bejgħ ta' l-intier tal-fond uffiċjalment enumerat tmienja u ħamsin (58), fi triq San Franġisk, tas-Sliema, mibni fuq tlett (3) sulari, inkluża l-arja relattiva tiegħu, is-sottoswol taħt l-entratura u t-taraġ li jwassal mill-livell terran għall-Ewwel Sular, sovrastanti il-fond bin-numru disgħa u ħamsin (59), u jinkludi id-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu, liberu u frank, u dan bil-prezz ta' tlett mija u għaxart elef Ewro (€310,000), u taħt il-pattijiet u l-kundizzjonijiet kollha elenkati fil-konvenju datat il-wieħed u għoxrin (21) ta' April tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), hekk kif estiż permezz ta' ftehim ieħor datat l-għoxrin (20) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), kif ukoll tal-fond ossia t-terran uffiċċjalment enumerat disgħa u ħamsin (59), fi triq San Franġisk, tas-Sliema, bil-bitħa fuq wara, inkluża l-arja relattiva tagħha, is-sottoswol tiegħu, sottostanti il-fond bin-numru tmienja u ħamsin (58), u jinkludi id-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu, liberu u frank, u dan bil-prezz ta' mitejn u ħamsa u tmenin elf ewro (€285,000) u taħt il-pattijiet u l-kundizzjonijiet kollha elenkati fil-konvenju datat il-wieħed u għoxrin (21) ta' April tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), hekk kif estiż permezz ta' ftehim ieħor datat l-għoxrin (20) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023); u dan ai termini ta' l-Artikolu 495A tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta; u;*

2. *Taħtar lin-Nutar Daniela Aquilina, li rrediġiet l-imsemmija konvenji hekk kif ukoll estiżi, sabiex tippubblika l-att finali ta' bejgħ u għal dan il-għan tistabbilixxi data, ħin u post;*

3. *Taħtar, kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil min mill-komproprjetarji, partikolarment il-konvenuti, jonqsu milli jidhru għall-pubblikazzjoni tal-att finali tal-bejgħ;*

*Bl-ispejjeż, kontra l-konvenuti, minn issa nġunti għas-subizzjoni.*

2. Rat illi fil-5 ta' Marzu 2025, l-intimati kuraturi deputati Dr Adriano Spiteri u l-PL Quentin Tanti laqgħu għal dak mitlub billi qajmu s-segwenti difiżi:

   1. *Illi in linea preliminari l-esponent mhux edott mill-fatti ħlief dawk premessi fir-rikors ġuramentat;*

   2. *Illi l-esponent jitlob illi l-atturi jipprovdu dik l-informazzjoni fosthom riċerki u kwalsiasi informazzjoni oħra li potenzjalment għandhom u li tista' twassal sabiex jinstabu l-eredi tal-mejjet Antonio Vassallo;*

3. *Illi l-esponent jitlob li jinħatar perit tekniku sabiex issir stima tal-proprjetajiet mertu tal-konvenji fir-rikors ġuramentat de quo (jekk ikun il-każ).*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skont il-liġi speċjalment fil-każ preżenti tal-kuraturi deputati li mhumiex edotti mill-fatti dwar is-sest indiviż u minħabba l-fatt li s-sidien tas-sest għadhom mhux magħrufa talvolta dawn isiru magħrufa.*

**Provi**

4. Rat id-dokumentazzjoni ppreżentata mir-rikorrenti, ossija s-segwenti:

- Dok EC 1: Konvenju datat 21 ta' April 2023.
- Dok EC 2: Estenjoni ta' konvenju datat 20 ta' Settembru 2023.
- Dok EC 3: Konvenju datat 21 ta' April 2023.
- Dok EC 4: Estensjoni ta' konvenju datat 20 ta' Settembru 2023.
- Dok EC 5: Prospett ai termini ta' l-Artikolu 495 A (2) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.
- Dok EC 6: Att datat 12 ta' Awissu 1935, ippubblikat minn Nutar Giuseppe Gatt.
- Dok EC 7: Ċertifikat tal-mewt ta' Paola Vassallo.
- Dok EC 8: Riċerki testamentarji pubbliċi ta' Paola Vassallo.
- Dok EC 9: Riċerki testamentarji sigrieti ta' Paola Vassallo
- Dok EC 10: Testment datat 8 ta' Ottubru 1945, in atti n-Nutar Joseph Gatt.
- Dok EC 11: Riċerki Testamentarji pubbliċi ta' Antonio Vassallo.
- Dok EC 12: Ċertifikat tal-mewt ta' Nicolina Vassallo.
- Dok EC 13: Riċerki testamentarji pubbliċi ta' Nicolina Vassallo.
- Dok EC 14: Riċerki testamentarji sigrieti ta' Nicolina Vassallo.
- Dok EC 15: Testment datat 29 ta' Mejju 1986 in atti n-Nutar Anthony Gatt.
- Dok EC 16: Att datat 15 ta' Mejju 1995, in atti n-Nutar Anthony Abela.
- Dok EC 17: Att datat 20 ta' Mejju 2010, in atti n-Nutar John Gambin.

- Dok EC 18: Att datat 11 ta' Novembru 2014, in Atti n-Nutar John Gambin.
- Dok EC 19: Att datat 2 ta' Ottubru 2023, in atti n-Nutar Daniela Aquilina.
- Dok EC 20: Att datat 2 ta' Ottubru 2023, in atti n-Nutar Daniela Aquilina.
- Dok EC 21: Dikjarazzjoni tas-sidien ai termini ta' l-Artikolu 495 A (2) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.
- Dok EC 22: Stima tal-Perit Joe Bugeja datata 11 ta' Settembru 2023.
- Dok EC 23: Pjanti tal-fondi mertu tal-kawża.

5. Rat illi fit-23 ta' April 2024, il-Qorti appuntat lill-Perit Elena Borg Costanzi sabiex taċċedi fuq il-fond meritu tal-kawża u tistma l-valur ta' l-istess fond fil-21 ta' April 2023, ossija fid-data meta ġie ffirmat il-konvenju.

6. Rat illi fil-11 ta' Ġunju 2024 ġie ppreżentat ir-rapport tal-Perit Tekniku, debitament imħallas u sussegwentement maħluf fis-17 ta' Settembru 2024.

7. Rat illi domandi in eskussjoni ma sarux.

8. Rat l-affidavit tan-Nutar Daniela Aquilina ippreżentat fis-26 ta' Novembru 2024, fejn ġew ippreżentati r-riċerki kollha illi saru, animo ritirandi. (fol 130)

9. Rat illi fis-27 ta' Frar 2025, ġew ippreżentati kopji elettroniċi tar-riċerki eżebiti min-Nutar Daniela Aquilina, u għalhekk ir-riċerki ppreżentati fis-26 ta' Novembru 2024 ġew irtirati.

10. Rat illi fis-27 ta' Frar 2025, il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

11. Jirriżulta, mill-provi prodotti u riċerki ppreżentati, illi r-rikorrenti huma lkoll propretarji ta' ħames sesti (5/6) indiviżi tal-fond uffiċjalment enumerat tmienja u ħamsin (58), fi Triq San Franġisk, tas-Sliema, mibni fuq tlett (3) sulari, inkluża l-arja relattiva tiegħu, kif ukoll tal-fond sottostanti bin-numru disgħa u ħamsin (59), li jinkludu id-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħhom, liberu u frank.

12. Jirriżulta, mir-riċerki magħmula min-Nutar Daniela Aquilina, u ppreżentati fl-atti tal-kawża odjerna, illi r-rimanenti sehem ta' sest (1/6) tal-fond fuq imsemmija kienu propjeta' ta' Antonio Vassallo, illi għex barra minn Malta u li miet fl-14 ta' April 1986, w ma huwiex magħruf min huma l-eredi tiegħu.

13. Jirriżulta illi, permezz ta' żewġ konvenji datati l-wieħed u għoxrin (21) ta' April tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), hekk kif estiż permezz ta' ftehim ieħor datat l-għoxrin (20) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), ir-rikorrenti daħlu fi ftehim illi jbiegħu l-propjeta' bin-numru 58 għall-prezz ta' €310,000 u l-propjeta' bin-numru 59 għall-prezz ta' €285,000 lil terzi, ossija €595,000 b'kollox.

14. Jirriżulta illi dina l-Qorti appuntat lill-Perit Tekniku Elena Borg Costanzi sabiex taċċedi fuq il-post u tagħti stima taż-żewġ fondi fil-21 ta' April 2023, u hija rrelatat kif ġej:

> *15. Illi l-esponenti ħadet konjizzjoni ta' diversi regolamenti u liġijiet, illi huma pertinenti għal dan l-eżerċizzju vis a vis l-inkarigu u l-istudju tagħha, illi huma parti mir-referenzi annessi ma' din ir-relazzjoni.*
>
> *16. Hija fil-opinjoni tal-esponenti, wara li ħadet konjizzjoni tal-atti u tenut kont il-binja u l-posizzjoni tagħha, il-valur tal-propjeta' fis-suq liberu huwa sitt mitt elf Ewro (€600,000.00).*

15. Jirriżulta illi l-valur tal-bejgħ tal-propjeta', kif inkluż fil-konvenji datati 21 ta' April 2023 u debitament estiżi fl-20 ta' Settembru 2023, huwa wieħed ġust u jimmerita illi jiġi aċċettat minn dina l-Qorti bħala valur ġust għall-bejgħ ta' l-istess propjetajiet.

16. Jirriżulta wkoll illi hemm provi suffiċjenti li juru illi l-propjeta' fuq indikata hija f'sehem ta' ħames sesti (5/6) tar-rikorrenti, kif aħjar deskritt fir-rikors promotur, filwaqt illi r-rimanent sehem ta' sest (1/6) huwa tas-suċċessuri mhux magħrufa ta' Antonio Vassallo, illi għalih qed jidhru l-kuraturi nomine Dr Adriano Spiteri u l-PL Quentin Tanti.

17. Jirriżulta, għalhekk, illi t-talba kif kontenuta fir-rikors odjern timmerita illi tiġi milqugħa.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti u l-provi prodotti;

Wara illi rat ir-rapport tal-Perit Tekniku mqabbad mill-Qorti;

**Tilqa'** t-talbiet rikorrenti, u għalhekk:

**Tapprova u tawtorizza** u, ai termini ta' l-Artikolu 495A tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Tordna** l-bejgħ ta' l-intier tal-fond uffiċjalment enumerat tmienja u ħamsin (58), fi triq San Franġisk, tas-Sliema, mibni fuq tlett (3) sulari, inkluża l-arja relattiva tiegħu, is-sottoswol taħt l-entratura u t-taraġ li jwassal mill-livell terran għall-Ewwel Sular, sovrastanti il-fond bin-numru disgħa u ħamsin (59), u jinkludi id-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu, liberu u frank, u dan bil-prezz ta' **<u>tlett mija u għaxart elef Ewro (€310,000)</u>**, u taħt il-pattijiet u l-kundizzjonijiet kollha elenkati fil-konvenju datat il-wieħed u għoxrin (21) ta' April tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), hekk kif estiż permezz ta' ftehim ieħor datat l-għoxrin (20) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), kif ukoll tal-fond ossia t-terran uffiċjalment enumerat disgħa u ħamsin (59), fi triq San Franġisk, tas-Sliema, bil-bitħa fuq wara, inkluża l-arja relattiva tagħha, is-sottoswol tiegħu, sottostanti il-fond bin-numru tmienja u ħamsin (58), u jinkludi id-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu, liberu u frank, u dan bil-prezz ta' **<u>mitejn u ħamsa u tmenin elf ewro (€285,000)</u>** u taħt il-pattijiet u l-kundizzjonijiet kollha elenkati fil-

konvenju datat il-wieħed u għoxrin (21) ta' April tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), hekk kif estiż permezz ta' ftehim ieħor datat l-għoxrin (20) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023);

**Taħtar** lin-Nutar Daniela Aquilina, li rrediġiet l-imsemmija konvenji hekk kif ukoll estiżi, sabiex tippubblika l-att finali ta' bejgħ u dan fi żmien mhux aktar minn tlett xhur mid-data tas-sentenza, fil-post li jidhirlha opportun l-istess Nutara;

**Tinnomina** lil Dr Adriano Spiteri u l-PL Quentin Tanti sabiex jidhru, bħala kuraturi deputati għas-sidien mhux magħrufa ta' sest (1/6) indiviż tal-fond fuq il-pubblikazzjoni ta' l-att ta' trasferiment;

**Tordna** lil Dr Adriano Spiteri u l-PL Quentin Tanti sabiex, wara l-pubblikazzjoni tal-kuntratt, jippreżentaw, permezz ta' nota, vera kopja tal-kuntratt finali iffirmat kif ukoll dokumentazzjoni ančillari, jekk ikun hemm, fl-atti tal-kawża odjerna sabiex jifforma parti minn tali atti.

**Tordna** lil Dr Adriano Spiteri u l-PL Quentin Tanti sabiex, wara l-pubblikazzjoni tal-kuntratt, jiddepositaw fil-Qorti l-flejjes lilhom mgħoddija għas-sehem ta' sest (1/6), u dana wara illi huma jnaqqsu minn tali flejjes, id-drittijiet lilhom spettanti kif ukoll l-spejjeż oħra kif hawn taħt ipprovdut, u jippreżentaw vera kopja taċ-ċedola ta' depositu fl-atti tal-kawża odjerna sabiex jifforma parti minn tali atti.

Bl-ispejjeż kollha tar-rikorrenti illi għandhom jitnaqqsu mis-sehem ta' sest (1/6) spettanti lill-sidien mhux magħrufa u rappreżentati mill-kuraturi deputati fuq imsemmija, b'dan illi minn tali sehem, l-ewwel għandhom jitħallsu l-kuraturi, kif fuq ġia deskritt, u wara jitħallsu r-rikorrenti għall-ispejjeż tagħhom.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**